Ġabra tal-ġurisprudenza

SENTENZA TAL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA (Id-Disa' Awla)

17 ta' Marzu 2016*

"Rinviju għal deċiżjoni preliminari — Approssimazzjoni tal-leġiżlazzjonijiet — Regolament (KE) Nru 882/2004 — Regolament (KE) Nru 854/2004 — Kontrolli uffiċjali tal-għalf u tal-prodotti tal-ikel — Tariffi li jistgħu jiġu imposti mill-Istati Membri biex ikopru l-ispejjeż ikkawżati mill-kontrolli uffiċjali — Spejjeż marbuta ma' taħriġ ta' uffiċjali awżiljari"

Fil-Kawża C-112/15,

li għandha bħala suġġett talba għal deċiżjoni preliminari skont l-Artikolu 267 TFUE, imressqa mill-Østre Landsret (qorti tal-appell tar-Reġjun tal-Lvant, id-Danimarka), permezz ta' deċiżjoni tat-2 ta' Marzu 2015, li waslet għand il-Qorti tal-Ġustizzja fl-4 ta' Marzu 2015, fil-proċedura

Kødbranchens Fællesråd, li taġixxi għal Århus Slagtehus A/S, Danish Crown A.m.b.A. Oksekødsdivisionen, Hadsund Kreaturslagteri A/S, Hjalmar Nielsens Eksportslagteri A/S, Kjellerup Eksportslagteri A/S, Mogens Nielsen Kreaturslagteri A/S, Vejle Eksportslagteri A/S,

vs

Ministeriet for Fødevarer, Landbrug og Fiskeri,

Fødevarestyrelsen,

IL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA (Id-Disa' Awla),

Komposta minn C. Lycourgos (Relatur), President tal-Awla, E. Juhász u K. Jürimäe, Imħallfin,

Avukat Ġenerali: N. Wahl,

Reġistratur : A. Calot Escobar,

wara li rat il-proċedura bil-miktub,

wara li kkunsidrat l-osservazzjonijiet ippreżentati:

— għal Kødbranchens Fællesråd, li taġixxi għal Århus Slagtehus A/S, Hadsund Kreaturslagteri A/S, Hjalmar Nielsens Eksportslagteri A/S, Kjellerup Eksportslagteri A/S, Vejle Eksportslagteri A/S, minn H. Sønderby Christensen, avukat,

— għal Kødbranchens Fællesråd li taġixxi għal Danish Crown A.m.b.A. Oksekødsdivisionen u Mogens Nielsen Kreaturslagteri A/S, minn M. Honoré u H. Djurhuus, avukati,

— għall-Gvern Daniż, minn C. Thorning, bħala aġent, assistit minn R. Holdgaard, avukat,

* Lingwa tal-lingwa: id-Daniż.

— għall-Kummissjoni Ewropea, minn H. Støvlbæk u D. Bianchi, bħala aġenti,

wara li rat id-deċiżjoni, meħuda wara li nstema' l-Avukat Ġenerali, li l-kawża tinqata' mingħajr konklużjonijiet,

tagħti l-preżenti

Sentenza

1 It-talba għal deċiżjoni preliminari tirrigwarda l-interpretazzjoni tal-Artikolu 27(4)(a), u tal-punti 1 u 2 tal-Anness VI tar-Regolament (KE) Nru 882/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tad-29 ta' April 2004, dwar il-kontrolli uffiċjali mwettqa biex tiġi żgurata l-verifikazzjoni tal-konformità mal-liġi tal-għalf u l-ikel, mas-saħħa tal-annimali u mar-regoli dwar il-welfare tal-annimali (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 3,Vol. 45, p. 200, u rettifika ĠU 2004, L 191, p. 1).

2 Din it-talba tressqet fil-kuntest ta' tilwima bejn il-Kødbranchens Fællesråd (organizzazzjoni interprofessjonali fis-settur tal-laħam taċ-ċanga u tal-vitella) li taġixxi bħala mandatarja ta' seba' impriżi ta' tbiċċir, jiġifieri Århus Slagtehus A/S, Danish Crown A.m.b.A. Oksekødsdivisionen, Hadsund Kreaturslagteri A/S, Hjalmar Nielsens Eksportslagteri A/S, Kjellerup Eksportslagteri A/S, Mogens Nielsen Kreaturslagteri A/S u Vejle Eksportslagteri A/S (iktar 'il quddiem, flimkien, l-"impriżi ta' tbiċċir"), u l-Ministeriet for Fødevarer, Landbrug og Fiskeri (ministeru tal-ikel, tal-agrikoltura u tas-sajd) u l-Fødevarestyrelsen (amministrazzjoni veterinarja u tal-ikel Daniża), dwar il-ġbir ta' tariffi intiżi li jkopru l-ispejjeż tal-kontrolli uffiċjali tal-għalf u tal-prodotti tal-ikel.

Il-kuntest ġuridiku

Id-dritt tal-Unjoni

Ir-Regolament Nru 854/2004

3 Ir-Regolament (KE) Nru 854/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta' April 2004, li jippreskrivi regoli speċifiċi għall-organizzazzjoni ta' kontrolli uffiċjali fuq prodotti li joriġinaw mill-annimali maħsuba għall-konsum uman (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 3, Vol. 45, p. 75, u rettifiki ĠU 2004, L 191, p. 1 u ĠU 2004, L 226, p. 83), kif emendat bir-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 517/2013 tat-13 ta' Mejju 2013 (ĠU L 158, p. 1, iktar 'il quddiem ir-"Regolament Nru 854/2004") jipprevedi, fl-Artikolu 2(1)(h) tiegħu:

"1. Għall-finijiet ta' dan ir-Regolament, japplikaw id-definizzjonijiet li ġejjin:

[...]

h) 'awżiljarju uffiċjali' tfisser persuna kwalifikata, skond dan ir-Regolament, biex taġixxi f'dik il-kariga, maħtura mill-awtorità kompetenti u li taħdem taħt l-awtorità u r-responsabbiltà ta' veterinarju uffiċjali;"

4 L-Artikolu 5 tar-Regolament Nru 854/2004 jipprovdi, fil-paragrafi 1, 4, 5(a), u 7 tiegħu:

"1) IL-veterinarju uffiċjali għandu jwettaq kompiti ta' spezzjoni f'biċċeriji, stabbilimenti li jimmaniġjaw il-kaċċa u l-impjanti ta' tqattiegħ li jqegħdu fis-suq il-laħam frisk skond il-ħtiġijiet ġenerali tat-Taqsima I, il-Kapitolu II, ta' l-Anness I, u l-ħtiġijiet speċifiċi tat-taqsima IV, b'mod partikolari fir-rigward ta':

[...]

4) L-awżiljari uffiċjali jistgħu jgħinu lill-veterinarju uffiċjali waqt il-verifiki ta' kontroll imwettqa skond it-Taqsimiet I u UU ta' l-Anness I kif speċifikat fit-Taqsima III, Kapitolu I. F'dak il-każ, huma għandhom jaħdmu bħala tim indipendenti.

5)

a) L-Istati Membri għandhom jiżguraw li jkollhom impjegati uffiċjali biżżejjed biex iwettqu l-kontrolli uffiċjali meħtieġa taħt l-Anness I bil-frekwenza speċifikata fit-Taqsima III, Kapitolu II.

[...]

7) L-Istati Membri għandhom jassiguraw li l-veterinarji uffiċjali u l-awżiljari uffiċjali ikunu kwalifikati u jingħataw taħriġ skond l-Anness I, Taqsima III, Kapitolu IV."

5 L-Anness I tar-Regolament Nru 854/2004 jirrigwarda l-laħam frisk u jinkludi, b'mod partikolari, it-Taqsima I, li tispjega l-kompiti tal-veterinarji uffiċjali, u t-Taqsima III, intitolata: "Responsabbilitajiet u frekwenza ta' kontrolli".

6 It-Taqsima III tal-Anness I tar-Regolament Nru 854/2004 tinkludi l-Kapitolu I, intitolat "Awżiljarji Uffiċjali", li jgħid li "[L]-awżiljarji uffiċjali jistgħu jassistu l-veterinarju uffiċjali fil-kompiti kollha, suġġetti għar-restrizzjonijiet li ġejjin u għal xi regoli speċifiċi preskritti fit-Taqsima IV". Din l-istess taqsima tinkludi l-Kapitolu III, intitolat "Involviment ta' impjegati ta' biċċerija" li jipprevedi li l-Istati Membri jistgħu jawtorizzaw lill-persunal tal-biċċerija jeżerċitaw l-attivitajiet ta' awżiljarji uffiċjali speċjalizzati fil-kontroll tal-produzzjoni tal-laħam tat-tjur u tal-fniek.

7 Din it-Taqsima III tinkludi wkoll il-Kapitolu IV, li huwa intitolat "Kwalifiki professjonali". Il-punt B ta' dan il-Kapitolu, dwar l-"Awżiljarji Uffiċjali" jipprovdi:

"1. L-awtorità kompetenti tista' taħtar awżiljarji uffiċjali biss persuni li jkunu għaddew minn taħriġ u li jkunu għaddew minn test [...].

[...]

6. L-awżiljarji uffiċjali għandhom iżommu għerf aġġornat u jżommu ruħhom aġġornati ma żviluppi ġodda permezz ta' attivitajiet edukattivi regolari li jkomplu u letteratura professjonali. L-awżiljarju uffiċjali għandu fejn possibbli, jieħu sehem f'attivitajiet annwali edukattivi u li jkomplu.

[...]"

Ir-Regolament Nru 882/2004

8 Il-premessi 6, 11, 12 u 32 tar-Regolament Nru 882/2004 jgħidu dan li ġej:

"(6) L-Istati Membri għandhom jinfurzaw il-liġi dwar l-għalf u l-ikel, ir-regoli dwar is-saħħa ta' l-annimali u l-*welfare* ta' l-annimali u jimmonitorjaw u jivverifikaw li l-kondizzjonijiet meħtieġa rilevanti tagħhom jitwettqu mill-operaturi tan-negozju fl-istadji kollha ta' produzzjoni, proċessar u distribuzzjoni. Kontrolli uffiċjali għandhom ikunu organizzati għal dan il-għan.

[...]

(11) L-awtoritajiet kompetenti għat-twettiq ta' kontrolli uffiċjali għandhom jilħqu numru ta' kriterji ta' operazzjoni sabiex jiżguraw l-imparzjalità u l-effettività tagħhom. Huma għandhom ikollhom numru suffiċjenti ta' impjegati kwalifikati kif imiss u ta' esperjenza li jkollhom faċilitajiet adegwati u tagħmir biex iwettqu kif imiss id-dmirijiet tagħhom.

(12) Il-kontrolli uffiċjali għandhom jitwettqu bl-użu ta' teknika xierqa żviluppata għal dak il-għan, inklużi verifiki ta' sorveljanza ta' rutina u kontrolli aktar intensivi bħal spezzjonijiet, verifikazzjonijiet, verifiki, kampjonar u l-ittestjar ta' kampjuni. L-implimentazzjoni korretta ta' dik it-teknika teħtieġ taħriġ adattat ta' l-impjegati li jwettqu l-kontrolli uffiċjali. Huwa wkoll meħtieġ taħriġ sabiex jiġi żgurat li l-awtoritajiet kompetenti jieħdu d-deċiżjonijiet b'mod uniformi, b'mod partikolari fir-rigward ta' l-implimentazzjoni tal-HACCP. (analiżi tal-perikolu u l-prinċipji tal-punti kritiċi ta' kontroll).

[...]

(32) Għandhom ikunu disponibbli riżorsi finanzjarji adegwati biex jiġu organizzati kontrolli uffiċjali. Għalhekk, l-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri għandhom ikunu jistgħu jimponu l-ħlasijiet jew piżijiet biex ikopru l-ispejjeż magħmula minħabba l-kontrolli uffiċjali. Fil-proċess, l-awtoritajiet kompetenti ta' l-Istati Membri għandhom ikunu ħielsa li jistabbilixxu l-ħlasijiet u l-piżijiet bħala ammonti f'rata fissa bbażati fuq in-nefqiet magħmula u waqt li jingħata kont tas-sitwazzjoni speċifikat tal-istabbiliment. Meta jiġu imposti ħlasijiet fuq l-operaturi, għandhom japplikaw priniċipji komuni. Huwa xieraq għalhekk li jiġu preskritti l-kriterji għall-iffissar tal-livell tal-ħlasijiet ta' spezzjoni [...]"

9 L-Artikolu 1(1)(a) tar-Regolament Nru 882/2004 jipprovdi:

"Dan ir-Regolament jippreskrivi r-regoli ġenerali għat-twettiq ta' kontrolli uffiċjali għall-verifika tal-konformità ma' regoli jimmira b'mod partikolari, li:

a) jipprevjeni, jelimina jew inaqqas għal livelli aċċettabli riskji għall-bnedmin u l-annimali, jew direttament, jew permezz tal-ambjent."

10 L-Artikolu 3(1) ta' dan ir-regolament jipprovdi l-obbligi ġenerali fir-rigward tal-organizzazzjoni ta' kontrolli uffiċjali u jipprevedi, b'mod partikolari, li dawn il-kontrolli uffiċjali "jitwettqu regolarment, fuq bażi ta' riskju u bil-frekwenza xierqa, sabiex jintlaħqu l-għanijiet" ta' dan ir-regolament, waqt li jittieħdu inkunsiderazzjoni l-elementi indikati fl-imsemmija dispożizzjoni.

11 L-Artikolu 6 tal-imsemmi regolament, intitolat "Impjegati li jwettqu kontrolli uffiċjali" huwa redatt kif ġej:

"L-awtorità kompetenti għandha tiżgura li l-ħaddiema kollha tagħha li jwettqu kontrolli uffiċjali:

a) jirċievu, għall-qasam tagħhom ta' kompetenza, taħriġ xieraq li jippermettilhom li jwettqu d-dmirijiet tagħhom b'mod kompetenti, u li jwettqu l-kontrolli uffiċjali b'mod konsistenti. It-taħriġ għandu jkopri l-oqsma msemmija fl-Anness II, Kapitolu I;

b) iżommu rwieħhom aġġornati fl-oqsma tagħhom ta' kompetenza u jirċievu taħriġ regolari addizzjonali meħtieġ,

[...]"

12 L-Artikolu 26 tal-istess regolament jipprevedi:

"L-Istati Membri għandhom jiżguraw li riżorsi finanzjarji adegwati jkunu disponibbli biex jipprovdu għall-impjegati meħtieġa u riżorsi oħra għall-kontrolli uffiċjali b'kull mezz ikun x'ikun kunsidrat xieraq, inkluż permezz ta' tassazzjoni ġenerali jew billi jiġu stabbiliti tariffi u pożożjiet."

13 Skont l-Artikolu 27(1) u (4)(a) tar-Regolament Nru 882/2004:

"1. L-Istati Membri jistgħu jiġbru tariffi jew pożożjiet biex ikopru l-ispejjeż li jirriżultaw mill-kontrolli uffiċjali.

[...]

4. It-tariffi miġbura għall-għanijiet ta' kontrolli uffiċjali skont il-paragrafu 1 jew 2:

a) m'għandhomx ikunu għola mill-ispejjeż magħmula mill-awtoritajiet kompetenti responsabbli b'relazzjoni mal-partiti elenkati fl-Anness VI".

14 L-Anness VI tar-Regolament Nru 882/2004 jesponi l-kriterji li għandhom jittieħdu inkunsiderazzjoni għall-kalkolu tat-tariffi:

"1. Is-salarji ta' l-impjegati nvoluti fil-kontroll uffiċjali.

2. L-ispejjeż ta' l-impjegati nvoluti fil-kontrolli uffiċjali, inklużi faċilitajiet, għodda, tagħmir, taħriġ, vjaġġar u nefqiet assoċjati.

3. L-ispejjeż ta' l-analiżi tal-laboratorju u t-teħid ta' kampjuni."

Id-dritt Daniż

15 L-Artikolu 1 tad-Digriet Ministerjali Nru 1455 dwar it-taħriġ tal-awżiljari fil-kuntest tal-kontrolli fuq prodotti li joriġinaw mill-annimali (bekendtgørelse nr. 1455 om uddannelsen til tilsynstekniker inden for kontrol med animalske produkter), tat-13 ta' Diċembru 2006 (iktar 'il quddiem id-"digriet ministerjali Nru 1455/2006"), jipprovdi:

"It-taħriġ għandu l-għan li jipprovdi kwalifika li tippermetti lill-persuna mħarrġa li tipprovdi, taħt l-awtorità u r-responsabbiltà ta' veterinarju uffiċjali, l-assistenza tagħha fit-twettiq ta' kompiti ta' kontroll speċifiċi fil-biċċeriji, fl-istabbilimenti li jittrattaw l-annimali tal-kaċċa u l-impjanti tat-tqattiegħ

li jqiegħdu l-laħam frisk fis-suq (ara r-[Regolament Nru 854/2004]), Il-persuna mħarrġa trid tikseb ukoll kwalifika sabiex twettaq, taħt ir-responsabbiltà tal-veterinarju uffiċjali, kontrolli fuq il-qatgħat tat-tjur iddestinati għat-tbiċċir."

16 L-Artikolu 2 tad-Digriet Ministerjali Nru 1455/2006 jipprevedi:

"1. It-taħriġ jikkostitwixxi taħriġ professjonali part-time offrut permezz ta' taħriġ kontinwu minn organi rrikonoxxuti għal dan il-għan mill-Ministeru tal-Edukazzjoni.

2. It-taħriġ għandu tul ekwivalenti għal 36 ġimgħa ta' taħriġ full-time, li minnhom 16 il-ġimgħa huma ta' taħriġ prattiku.

[...]"

17 L-Artikolu 3 tad-Digriet Ministerjali Nru 1455/2006 jinqara kif ġej:

"1. Organu jista' jammetti applikanti għat-taħriġ li jkunu taw prova ta' taħriġ professjonali rilevanti jew li jkollhom esperjenza rilevanti ta' tliet snin.

2. Prerekwiżit għar-reġistrazzjoni għat-taħriġ hija l-konklużjoni ta' ftehim ta' taħriġ bejn il-parteċipant u organu reġjonali tal-Amministrazzjoni Veterinarja u tal-Ikel Daniża (Fødevarestyrelsen)."

18 L-Artikolu 1 tad-Digriet Ministerjali Nru 1649 dwar, b'mod partikolari, il-ħlas għall-kontroll tal-prodotti tal-ikel, tal-għalf u tal-annimali ħajjin (bekendtgørelse om betaling for kontrol af fødevarer, foder og levende dyr m.v.), tas-27 ta' Diċembru 2013 (iktar 'il quddiem id-"Digriet Ministerjali Nru 1649/2013"), jipprevedi:

"Dan id-digriet jikkonċerna l-ħlas tat-tariffi maħsuba għall finanzjament tal-kontrolli u kompiti oħra – inkluż l-ispezzjonijiet, il-permesssi, ir-reġistrazzjonijiet, l-approvazzjonijiet, in-notifiki, iċ-ċertifikazzjonijiet u l-analiżijiet – għall-prodotti tal-ikel, għall-għalf, u għall-annimali ħajjin, u l-impriżi, tagħmir u prodotti, b'mod partikolari l-prodotti mhux tal-ikel u ta' oriġini mhux annimali. Id-digriet jirrigwarda wkoll il-ħlas ta' spejjeż għall-finanzjament ta' għajnuna għall-esportazzjoni."

19 L-Artikolu 3 tad-Digriet Ministerjali Nru 1649/2013 jipprovdi:

"L-impriżi li huma awtorizzati jeżerċitaw attività ta' biċċerija bis-saħħa tal-leġiżlazzjoni dwar il-prodotti tal-ikel u li ma jaqgħux taħt l-Artikolu 23 huma meħtieġa jħallsu għall-kontrolli mwettqa mill-Amministrazzjoni Veterinarja u tal-Ikel Daniża (Fødevarestyrelsen), inkonformità mad-dispożizzjonijiet ta' dan il-kapitolu."

20 Skont l-Artikolu 4 tad-Digriet Ministerjali Nru 1649/2013:

"1. L-ammont ta' pagament imsemmi fl-Artikolu 3 jiġi kkalkolat abbażi tal-ispejjeż tal-kontrolli diretti u tal-ispejjeż tal-kontrolli komuni kkonstatati.

2. L-ispejjeż ta' kontrolli diretti imputabbli lil kull impriża jinkludu s-salarji, b'mod partikolari, dawk li jitħallsu lill-persunal inkarigat mill-kontrolli, kif ukoll l-ispejjeż sostnuti għall-analiżi tal-kampjuni fil-laboratorju u l-ispejjeż amministrattivi relatati mat-twettiq ta' kontrolli fil-livell ta' kull impriża.

[...]

4. L-ispejjeż komuni li ġejjin jinqasmu bejn l-impriżi fil-proporzjon tal-ispejjeż diretti li huma imputabbli lilhom rispettivament:

[...]

3) L-ispejjeż inkorsi għal, u inkonnessjoni mal-parteċipazzjoni tal-persunal inkarigat li jwettaq il-kontrolli f'taħriġ kontinwu, inkluż it-taħriġ ta' awżiljari ta' kontroll għall-membri tal-imsemmija persunal impenjati biex jirċievu dan it-taħriġ.

[...]"

Il-kawża prinċipali u d-domanda preliminari

21 Mis-sena 2000, l-impriżi kollha ta' tbiċċir Daniżi għandhom iħallsu tariffi għall-kontroll tal-laħam, li tagħhom l-ammont jieħu inkunsiderazzjoni l-ispejjeż ta' taħriġ tal-awżiljari ta' kontroll sostnuti mill-amministrazzjoni veterinarja u tal-ikel Daniża. Preċedentement, it-teħid ta' responsabbiltà għal dawn l-ispejjeż kienet taqa' taħt skemi differenti, waħda minn dawn l-iskemi kienet li dawn l-imsemmija spejjeż kienu jiġu inklużi fil-baġit Statali bħala spejjeż pubbliċi.

22 Il-persuni li jixtiequ jsegwu taħriġ ta' awżiljarju ta' kontroll fis-settur tal-ikel jiġu ingaġġati mill-amministrazzjoni veterinarja u tal-ikel Daniża f'relazzjoni ta' xogħol ta' tul iddeterminat bħala "assistenti ta' kontroll". L-impjieg tagħhom huwa suġġett għal taħriġ ta' 36 ġimgħa. Kif jirriżulta mid-deċiżjoni tar-rinviju, assistenti ta' kontroll qatt ma jwettqu kompiti ta' kontroll tal-laħam, iżda madankollu għandhom ikollhom, sabiex jiġu aċċettati għat-taħriġ, esperjenza rilevanti fuq perijodu ta' tliet snin jew taħriġ rilevanti bħala biċċier. Huma għandhom, matul dan it-taħriġ tal-awżiljarji, iwettqu apprendistat f'biċċerija u jgħaddu minn test sabiex jiġu ingaġġati bħala awżiljari ta' kontroll. Huma mbagħad jistgħu jiġu assenjati lill-biċċeriji varji fil-kuntest tal-attività ta' kontroll tal-laħam.

23 Mill-fatti stabbiliti mill-qorti tar-rinviju jirriżulta, li l-ispiża totali ta' dan it-taħriġ, b'mod partikolari s-salarji mħallsa lill-persuni mħarrġa, hija maqsuma bejn l-impriżi ta' tbiċċir, inklużi dawk li fihom ma jkun twettaq l-ebda kontroll awżiljarju jew dawk fejn il-kontrolli awżiljarji jkunu limitati. L-impriżi ta' tbiċċir huma għalhekk meħtieġa li jbatu, bħala spejjeż komuni, l-ispejjeż kollha assoċjati mat-taħriġ tal-awżiljarji ta' kontroll ġodda, u dan anki jekk dawn ma jgħaddux mit-test meħtieġ għall-ammissjoni bħala awżiljarji ta' kontroll. L-imsemmija impriżi huma wkoll obbligati jħallsu għall-assistenti li jiġu ingaġġati mill-amministrazzjoni veterinarja u tal-ikel Daniża, bħala awżiljarji ta' kontroll li segwew taħriġ, fi gradi oħra barra minn dak ta' kontroll tal-laħam jew barra minn din l-amministrazzjoni. Barra minn hekk, kull impriża ta' tbiċċir hija marbuta li tħallas għat-taħriġ tal-awżiljarji ta' kontroll ġodda, kemm jekk dawn tal-aħħar jiġu allokati lilha u kemm jekk le.

24 Fil-5 ta' Jannar 2009, l-organizzazzjoni interprofessjonali tas-settur tal-laħam taċ-ċanga u tal-vitella, bħala mandatarja ta' seba' impriżi ta' tbiċċir Daniżi, ippreżentat rikors intiż li l-ministeru tal-ikel, tal-agrikoltura u tas-Sajd jirrikonoxxi li la l-ispejjeż ta' taħriġ tal-persuni ingaġġati fil-kuntest tat-taħriġ tal- awżiljarji ta' kontroll u lanqas is-salarji mħallsa matul it-taħriġ ma jistgħu jittieħdu inkunsiderazzjoni fl-istabbiliment tat-tariffa miġbura sabiex tkopri l-ispejjeż inkorsi għall-kontrolli uffiċjali. Barra minn hekk, hija talbet ir-rimbors ta' kwalunkwe tariffa illegali li possibbilment setgħet inġabret.

25 Sabiex taqta' l-kawża li għandha quddiemha, il-qorti tar-rinviju tqis li huwa neċessarju li tinterpreta r-Regolament Nru 882/2004 bil-għan li tiddetermina jekk is-salarji u l-ispejjeż marbuta mat-taħriġ tal-awżiljarji ta' kontroll ġodda jistgħux jittieħdu inkunsiderazzjoni fil-kalkolu tal-ammont tat-tariffi miġbura bħala kontroll fuq il-laħam.

26 Skont il-qorti tar-rinviju, jirriżulta mill-premessa 32 kif ukoll mill-Artikoli 26 u 27(1) tar-Regolament Nru 882/2004 li l-Istati Membri għandhom il-possibbiltà li jiffinanzjaw l-ispejjeż ikkawżati mill-kontrolli uffiċjali b'tariffa. Madankollu, jirriżulta wkoll mill-Artikolu 27(4)(a) ta' dan ir-regolament li t-tariffi miġbura ma għandhomx ikunu ogħla mill-ispejjeż imwettqa mill-awtoritajiet kompetenti responsabbli b'relazzjoni mal-elementi elenkati fl-Anness VI tal-imsemmi regolament.

27 Huwa f'dan il-kuntest li l-Østre Landsret (qorti tal-appell tar-Reġjun tal-Lvant) iddeċidiet li tissospendi l-proċedura u li tagħmel id-domanda preliminari segwenti lill-Qorti tal-Ġustizzja:

"L-Artikolu 27(4)(a) moqri flimkien mal-punti 1 u 2 tal-Anness VI tar-Regolament Nru 882/2004 għandhom jiġu interpretati fis-sens li l-Istati Membri ma jistgħux, meta jistabbilixxu t-tariffi miġbura minn għand l-impriżi tas-settur tal-ikel, jinkludu magħhom l-ispejjeż għas-salarji u taħriġ ta' persuni impjegati mas-servizz pubbliku sabiex jirċievu taħriġ li jissodisfa r-rekwiżiti imposti fuq l-"awżiljarji uffiċjali" mir-Regolament (KE) Nru 854/2004 li jippreskrivi regoli speċifiċi għall-organizzazzjoni ta' kontrolli uffiċjali fuq prodotti li joriġinaw mill-annimali maħsuba għall-konsum uman, iżda li ma jwettqux funzjonijiet ta' kontroll tal-laħam, kemm jekk qabel ma ġew aċċettati għal dan it-taħriġ kif ukoll jekk matulu?"

Fuq id-domanda preliminari

28 Permezz tad-domanda tagħha, il-qorti tar-rinviju tistaqsi, essenzjalment, jekk l-Artikolu 27(4)(a), u l-punti 1 u 2 tal-Anness VI tar-Regolament Nru 882/2004 għandhomx jiġu interpretati fis-sens li jipprekludu lill-Istati Membri, meta jistabbilixxu l-ammont tat-tariffi għall-finijiet tal-kontrolli uffiċjali, miġbura mill-impriżi tas-settur tal-ikel, li jinkludu dawk l-ispejjeż relatati man-nefqa tas-salarji u mat-taħriġ tal-persuni li jsegwu t-taħriġ obbligatorju bażiku ta' awżiljarju uffiċjali u li ma jwettqux kompiti ta' kontroll tal-laħam, la qabel u lanqas wara dan it-taħriġ.

29 Preliminarjament, għandu jissemma li, konformement mal-punti 1 u 4 tal-Artikolu 5, tar-Regolament Nru 854/2004 kif ukoll mat-Taqsimiet I u III tal-Anness I tal-imsemmi regolament, il-veterinarji uffiċjali jwettqu kompiti ta' kontroll u ta' spezzjoni fil-biċċeriji u jistgħu jkunu megħjuna minn awżiljarji uffiċjali. Barra minn hekk, jirriżulta mill-Kapitolu III tat-Taqsima III tal-imsemmi anness li, f'ċerti każijiet speċifiċi, il-persunal tal-biċċerija jista' jkun awtorizzat jeżerċita l-attivitajiet tal-awżiljarji uffiċjali speċjalizzati.

30 L-Artikolu 27(1) tar-Regolament Nru 882/2004 jipprevedi li "[L]-Istati Membri jistgħu jiġbru tariffi jew piżijiet biex ikopru l-ispejjeż li jirriżultaw mill-kontrolli uffiċjali". F'dan ir-rigward, il-paragrafu 4(a) ta' dan l-artikolu jippreċiża li t-tariffi "m'għandhomx ikunu għola mill-ispejjeż magħmula mill-awtoritajiet kompetenti responsabbli b'relazzjoni mal-partiti elenkati fl-Anness VI", li jkopru, b'mod partikolari, is-salarji tal-persunal inkarigat bil-kontrolli uffiċjali u l-ispejjeż tagħhom, inklużi l-"attivitajiet ta' taħriġ".

31 Għandu jiġi kkonstatat f'dan ir-rigward li, kuntrarjament għal dak li jsostni l-Gvern Daniż, l-Artikolu 27 tar-Regolament Nru 882/2004 ma jagħtix lill-Istati Membri marġni ta' diskrezzjoni dwar il-kriterji li għandhom jittieħdu inkunsiderazzjoni għall-kalkolu tal-ammont tat-tariffi.

32 Fil-fatt, il-leġiżlatur tal-Unjoni adotta, bl-għan tal-ġlieda kontra d-distorsjonijiet fil-kompetizzjoni, regoli armonizzati għall-kontrolli uffiċjali, relatati b'mod partikolari mal-elementi differenti li jistgħu jittieħdu inkunsiderazzjoni sabiex jiġu stabbiliti t-tariffi sabiex ikopru l-ispejjeż tal-kontrolli uffiċjali (ara, f'dan is-sens, is-sentenza Il-Kummissjoni vs Il-Ġermanja, C-270/07, EU:C:2009:168, punt 42).

33 F'dan il-kuntest, jirriżulta ċar mill-kliem tal-Artikolu 27(4)(a) tar-Regolament Nru 882/2004, kif tfakkar fil-punt 30 ta' din is-sentenza, li l-Anness VI ta' dan ir-regolament għandu l-għan li jkopri, b'mod eżawrjenti, l-elementi li jistgħu jittieħdu inkunsiderazzjoni fil-kalkolu tal-ammont tat-tariffi relatati mal-kontrolli uffiċjali mwettqa fl-impriżi ta' tbiċċir.

34 Għandu jiġi rrilevat li l-verżjonijiet lingwistiċi tar-Regolament Nru 882/2004 ivarjaw fir-rigward tal-kliem użati fl-Anness VI li jiddefinixxu l-kategorija ta' persuni li l-ispejjeż tagħhom huma koperti mit-tariffi. B'hekk, dan ir-regolament, fil-verżjonijiet bil-lingwa Ġermaniża ("des für die amtlichen Kontrollen eingesetzten Personals") u Franċiża ("personnel chargé des contrôles officiels") isemmu l-persunal li jwettaq il-kontrolli, filwaqt li l-verżjonijiet bil-lingwa Ingliża ("staff involved in the official controls") u Taljana ("personale partecipante ai controlli ufficiali") jużaw kliem li jista' jinkludi ċirku usa' ta' persuni. Fir-rigward tal-verżjoni bil-lingwa Daniża ta' dan ir-regolament, il-punt 1 ta' dan l-anness jindika li jistgħu jiġu ffinanzjati mit-tariffi s-salarji tal-persunal li jwettaq il-kontrolli uffiċjali ("lønninger til personale, der udfører offentlig kontrol"), filwaqt li huwa indikat, bi kliem fejn is-sens huwa usa', fil-punt 2 tal-istess anness, li jistgħu jiġu ffinanzjati l-ispejjeż tal-persunal b'konnessjoni mal-kontrolli uffiċjali ("personaleudgifter i forbindelse med offentlig kontrol").

35 Fl-osservazzjonijiet tiegħu, il-Gvern Daniż isostni li l-grad ta' parteċipazzjoni fil-kontrolli ma huwa deskritt fl-ebda waħda mill-verżjonijiet lingwistiċi tal-Anness VI tar-Regolament Nru 882/2004 u jqis b'hekk li dan tal-aħħar ma jeskludix il-finanzjament minn Stat Membru tal-ispejjeż ta' taħriġ ta' awżiljarju ta' kontroll b'tariffa, anki jekk dawn l-ispejjeż ma jiġux esposti għall-benefiċċju ta' persuni li jwettqu effettivament u direttament il-kontrolli.

36 F'dan ir-rigward, għandu jitfakkar li, skont ġurisprudenza stabbilita tal-Qorti tal-Ġustizzja, il-kliem użat f'waħda mill-verżjonijiet lingwistiċi ta' dispożizzjoni tad-dritt tal-Unjoni ma jistax iservi bħala bażi unika għall-interpretazzjoni ta' din id-dispożizzjoni u lanqas ma jista' jingħata prijorità fil-konfront tal-verżjonijiet lingwistiċi l-oħra. Fil-fatt, id-dispożizzjonijiet tad-dritt tal-Unjoni għandhom jiġu interpretati u applikati b'mod uniformi, fid-dawl tal-verżjonijiet redatti fil-lingwi kollha tal-Unjoni. Fil-każ ta' nuqqas ta' qbil bejn id-diversi verżjonijiet lingwistiċi ta' test tad-dritt tal-Unjoni, id-dispożizzjoni inkwistjoni għandha tiġi interpretata fid-dawl tal-istruttura ġenerali u tal-iskop tal-leġiżlazzjoni li tagħha tikkostitwixxi element (sentenza Axa Belgium, C-494/14, EU:C:2015:692, punt 31 u l-ġurisprudenza ċċitata).

37 F'dan il-każ, l-għan tar-Regolament Nru 882/2004, kif jirriżulta mill-Artikolu 1 tiegħu, huwa b'mod partikolari li jipprevjeni jew jelimina r-riskji li jistgħu jinqalgħu għall-bnedmin u għall-annimali, jew li jnaqqas dawn ir-riskji għal livell aċċettabbli permezz tat-twettiq ta' kontrolli uffiċjali. L-Artikolu 3 ta' dan ir-regolament jipprovdi li l-Istati Membri għandhom jiżguraw li dawn il-kontrolli jitwettqu regolarment.

38 Barra minn hekk, jirriżulta mill-premessi 11 u 32 tar-Regolament Nru 882/2004 li l-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri, sabiex iwettqu l-obbligi tagħhom sew, għandhom ikollhom biżżejjed persunal debitament ikkwalifikat u b'esperjenza u għandhom ikunu jistgħu wkoll jiġbru t-tariffi jew it-taxxi sabiex ikopru l-ispejjeż ikkawżati mill-kontrolli uffiċjali.

39 F'dan ir-rigward, għandu jiġi rrilevat li, filwaqt li l-Artikolu 26 tar-Regolament Nru 882/2004 jipprevedi kemm l-użu ta' tassazzjoni ġenerali kif ukoll l-introduzzjoni ta' tariffi jew taxxi sabiex jiffinanzjaw id-disponibbiltà ta' "l-impjegati meħtieġa u riżorsi oħra għall-kontrolli uffiċjali", l-Artikolu 27 ta' dan ir-regolament isemmi biss it-tariffi u t-taxxi u, fil-paragrafu 1 tiegħu, jawtorizza lill-Istati Membri jiġbruhom biss sabiex "ikopru l-ispejjeż li jirriżultaw mill-kontrolli uffiċjali". Minn dan kollu jirriżulta li t-tariffi għandhom jinġabru biss sabiex ikopru l-ispejjeż li jirriżultaw tassew, għall-Istati Membri, għat-twettiq tal-kontrolli fl-impriżi tas-settur tal-ikel u ma għandhomx ikollhom il-għan li jitfgħu wkoll il-piż tal-ispejjeż tat-taħriġ inizjali tal-persunal fuq l-impriżi tas-settur ikkonċernat.

40 Għaldaqstant, huwa xieraq li l-Anness VI tar-Regolament Nru 882/2004, li għalih jirreferi l-Artikolu 27, jiġi interpretat li jirreferi esklużivament għas-salarji u għall-ispejjeż ta' persuni li jipparteċipaw effettivament fl-implementazzjoni tal-kontrolli uffiċjali.

41 Barra minn hekk, għandu jitfakkar, f'dan ir-rigward, li t-twettiq tal-kontrolli, kif ġie rrilevat fil-punt 29 ta' din is-sentenza, jitwettaq normalment minn veterinarji uffiċjali li jistgħu jkunu assistiti biss minn awżiljarji uffiċjali jew, f'ċerti każijiet speċifiċi, mill-persunal tal-biċċerija. Ma jirriżulta minn ebda dispożizzjoni tar-Regolament Nru 854/2004 li persuni li jkunu qed isegwu taħriġ obbligatorju bażiku ta' awżiljarju uffiċjali jistgħu, matul dan it-taħriġ, jipparteċipaw fit-twettiq ta' kontrolli uffiċjali.

42 Għalhekk, huwa meħtieġ li tingħata risposta għall-mistoqsija magħmula li l-Artikolu 27(4)(a) u l-punti 1 u 2 tal-Anness VI tar-Regolament Nru 882/2004, għandhom jiġu interpretati fis-sens li huma jipprekludu li l-Istati Membri, meta jistabbilixxu l-ammont ta' tariffi li jinġabru minn għand l-impriżi fis-settur tal-ikel, milli jinkludu fihom l-ispejjeż relatati mat-taħriġ obbligatorju bażiku tal-awżiljarji uffiċjali.

Fuq l-ispejjeż

43 Peress li l-proċedura għandha, fir-rigward tal-partijiet fil-kawża prinċipali, in-natura ta' kwistjoni mqajma quddiem il-qorti tar-rinviju, hija din il-qorti li tiddeċiedi fuq l-ispejjeż. L-ispejjeż sostnuti għas-sottomissjoni tal-osservazzjonijiet lill-Qorti tal-Ġustizzja, barra dawk tal-imsemmija partijiet, ma jistgħux jitħallsu lura.

Għal dawn il-motivi, Il-Qorti tal-Ġustizzja (Id-Disa' Awla) taqta' u tiddeċiedi:

L-Artikolu 27(4)(a), kif ukoll il-punti 1 u 2 tal-Anness VI tar-Regolament (KE) Nru 882/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tad-29 ta' April 2004, dwar il-kontrolli uffiċjali mwettqa biex tiġi żgurata l-verifikazzjoni tal-konformità mal-liġi tal-għalf u l-ikel, mas-saħħa tal-annimali u mar-regoli dwar il-welfare tal-annimali, għandhom jiġu interpretati fis-sens li huma jipprekludu l-Istati Membri, meta jistabbilixxu l-ammont ta' tariffi li jinġabru minn għand l-impriżi fis-settur tal-ikel, milli jinkludu l-ispejjeż relatati mat-taħriġ obbligatorju bażiku tal-awżiljarji uffiċjali.

Firem